# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, il-Ħamis, 11 ta' April, 2019

**Kawża Numru 11(Kost.)**

**Rik. Nru. 75/17JRM**

Jason **GALEA**

vs

**AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-20 ta' Settembru, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (i) tagħti l-ordnijiet, toħroġ l-atti u tagħti d-direttivi meħtieġa biex twettaq u tiżgura t-twettiq tal-jeddijiet fundamentali tiegħu; (ii) issib li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") billi ma ngħatax smigħ xieraq fi proċedimenti mnedija kontrih

fl-atti tal-Akkuża fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Jason Galea*"; (iii) tħassar is-sentenza komplessiva ta' ħames snin ħabs imposta fl-imsemmija proċediment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju, 2017; u (iv) tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Settembru, 2017, li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-23 ta' Ottubru, 2017, u ordnat in-notifika lill-intimat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fl-20 ta' Ottubru, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi ċaħad il-pretensjonijiet tiegħu u qal li l-ebda egħmil tiegħu ma kiser xi jedd fundamentali tar-rikorrent. Huwa jixli lir-rikorrent li qiegħed jinqeda b'din il-kawża biex jipprova jħajjar lil din il-Qorti terġa' tiftaħ mill-ġdid l-apprezzament tal-provi u tax-xhieda li ngħatat fil-proċediment kriminali kontrih u li ntemm b'ġudikat mill-ogħla ġurisdizzjoni kriminali u wara li tnieda proċess li ħares f'kull aspett il-jedd ta' smigħ xieraq tar-rikorrent;

Rat il-provvedimenti tagħha tas-27 ta' Diċembru, 2017[1], tat-18 ta' April, 2018[2] u tas-6 ta' Lulju, 2018[3] li bihom u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-talbiet tar-rikorret magħmula f'rikorsi tiegħu tat-30 ta' Novembru, 2017, tal-21 ta' Frar, 2018, u tal-21 ta' Mejju, 2018, rispettivament, biex tagħti rimedju provviżorju billi tordna li jinħeles mill-ħabs, sakemm iddum tinstema' din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' April, 2018[4], li bih laqgħet talba tar-rikorrent biex jitħallew isiru kopji awtentikati ta' partijiet mill-atti fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Jason Galea*", maqtugħa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 2017;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fit-13 ta' Ġunju, 2016[5], b'riferenza għall-atti tal-Att tal-Akkuża li kien qiegħed jitlob li din il-Qorti tieħu qies tagħhom hi u tikkunsidra l-ilment tiegħu;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik tar-rikorrent innifsu;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Lulju, 2018[6], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

[1] Paġġ. 53 – 7 tal-proċess
[2] Paġġ. 97 – 9 tal-proċess
[3] Paġġ. 137 – 9 tal-proċess
[4] Paġ. 95 tal-proċess
[5] Paġġ. 28 sa 30 tal-proċess
[6] Paġ. 128 – 9 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-13 ta' Awwissu, 2018[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat fit-28 ta' Settembru, 2018[8], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda dawk rilevanti mill-Atti tal-kawża "*Il-Pulizija (Spett. Joseph Mercieca) vs Jason Galea*" (Kumpil. 868/11 u App. 434/16);

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jgħid li ġarrab u qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa jgħid li dan l-ilment tiegħu joħroġ mill-fatt li matul is-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali jirriżulta li seħħew irreġolaritajiet serji li jwasslu għall-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 6(1) tal-imsemmija Konvenzjoni. B'mod partikolari, huwa jgħid li kemm il-Qorti tal-Maġistrat u kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali naqsu li jwettqu proċess ta' smigħ xieraq billi ma ħarsux "id-dettami proċedurali fir-rigward tal-ħtieġa li x-xhieda tkun assodata permezz ta' provi li jfornu 'korroborazzjoni' suffiċjenti u li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġiet ibbażata fuq preżunzjoni kompletament errata". Jilminta wkoll mill-fatt li, b'effett ta' dawk il-proċeduri huwa nstab ħati b'sentenza kemm mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali u li, bis-saħħa tagħhom, illum qiegħed iservi piena ta' żmien fil-ħabs;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat Avukat Ġenerali laqa' billi ċaħad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent u qal li l-ebda egħmil tiegħu ma kiser xi jedd fundamentali tar-rikorrent. Huwa jixli lir-rikorrent li qiegħed jinqeda b'din il-kawża biex jipprova jħajjar lil din il-Qorti terġa' tiftaħ mill-ġdid l-apprezzament tal-provi u tax-xhieda li ngħatat fil-proċediment kriminali kontrih u li ntemm b'ġudikat mill-ogħla ġurisdizzjoni kriminali u wara li tnieda proċess li ħares f'kull aspett il-jedd ta' smigħ xieraq tar-rikorrent;

[7] Paġġ. 149 sa 155 tal-proċess
[8] Paġġ. 162 sa 172 tal-proċess

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fit-18 ta' Settembru, 2010, ftit qabel it-tmienja ta' filgħodu, kien sar tentativ ta' serqa minn ħanut tad-deheb bl-isem ta' *Frank Zampa Jewellery* fi Triq Santa Luċija, Valletta. F'dik iċ-ċirkostanza, jingħad li tlieta min-nies kienu ħabtu għal Frank Zampa, missier sid il-ħanut, u kienet intużat ukoll arma tan-nar minn wieħed mill-aggressuri. Minħabba r-reżistenza magħmula minn Zampa, s-serqa sfrattat u l-aggressuri telqu mill-ħanut b'idhom f'idhom. Zampa ġarrab ġrieħi fit-taqbida li kellu mal-persuni li ħabtu għalih;

Illi wara li l-Pulizija ngħatat tagħrif kunfidenzjali u ħadet tagħrif ieħor minn "*closed-circuit cameras*", bdiet tinvestiga l-każ u waslet biex sabet il-vettura li biha l-aggressuri ħarbu mill-Belt u wkoll lil min kien maħsub li kien imdaħħal fl-attentat fil-ħanut;

Illi ftit tal-jiem wara, il-Pulizija waslet biex ġabret lil xi persuni suspettati li kienu mdaħħla f'dak ir-reat. Waqt li saret "*identification parade*", Zampa għaraf waħda mill-persuni bħala wieħed minn dawk li kienu ħabtu għalih fil-ħanut. Dan kien Marcus John Calleja;

Illi Calleja nżamm mill-Pulizija li, fit-22 ta' Settembru, 2010, ressqitu quddiem il-Qorti u xlietu b'għadd ta' reati marbutin mal-każ[9]. Għalkemm f'Marzu tal-2011 ingħata l-ħelsien mill-arrest, ma kellux il-meżżi biex iħallas il-garanzija u nżamm fil-ħabs. Madankollu, fit-22 ta' Lulju, 2011, Calleja stqarr il-ħtija tiegħu b'rabta mal-każ u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ikkundannatu għal tliet (3) snin ħabs. Dakinhar, Calleja kien xehed quddiem dik il-Qorti;

Illi mill-istħarriġ li wettqet il-Pulizija, kienet ġabret ukoll lil wieħed Michael Żahra u lir-rikorrent. Michael Żahra wkoll stqarr is-sehem tiegħu u ammetta x-xiljiet li ressqet kontrih il-Pulizija. Fix-xhieda li kien ta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża tiegħu[10], Calleja kien qal li r-rikorrent kien imdaħħal ukoll fil-pjan tas-serqa u s-sehem tiegħu kien li għażel il-ħanut fejn kellha ssir is-serqa u jgħasses għas-sid, Renato Zampa, jekk jarah joqrob. Il-Pulizija mxiet fuq dak li allega Calleja fir-rigward tar-rikorrent u ħadet qies ta' dak li ħareġ mix-xbihat tas-*CCTV* u minn dak li kienu lebsin il-persuni suspettati li kienu mdaħħlin fis-serqa[11]. Ir-rikorrent sa mill-bidu kien ċaħad li kien b'xi mod imdaħħal fis-serqa u aktar u aktar li kien fil-Belt dakinhar li kienet se ssir. L-uffiċjal tal-pulizija li investiga wkoll jgħid li mill-filmati li eżaminaw ma setgħux jagħrfu lill-persuni li nqabdu fix-xbihat[12];

[9] Xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca f'paġ. 60 tal-proċess
[10] Ara d-Dok "AG", f'paġġ. 131 – 6 tal-proċess
[11] *Ibid.* f'paġ. 61 tal-proċess
[12] Xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca, f'paġ. 101 tal-proċess

Illi r-rikorrent seħaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li dak li qal Calleja kien maħluq b'gidba mwebbla matul iż-żmien li kien miżmum il-ħabs. Ir-rikorrenti jindika bħala l-"moħħ" wara din il-gidba lil Mario "Mnieħru" Camilleri li kien jiġi r-raġel ta' oħt ir-rikorrent u li wkoll dak iż-żmien kien miżmum il-ħabs. Ir-rikorrent jgħid li, minħabba li Calleja kien dipendenti fuq id-droga, Camilleri kien irrikattah u heddu biex jgħid kontra r-rikorrent u ħalaq storja dwaru biex jagħmillu l-ħsara[13];

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Settembru, 2016, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrent instab ħati ta' erbgħa (4) mit-tmien akkużi li kien mixli bihom u ikkundannatu għal sitt (6) snin u sitt (6) xhur ħabs;

Illi r-rikorrent appella mill-imsemmija sentenza fil-5 ta' Ottubru, 2016. B'sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2017, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet f'biċċa minnu l-appell tar-rikorrent u naqqset il-piena inflitta għal ħames (5) snin ħabs;

Illi r-rikorrent fetaħ din il-kawża fl-20 ta' Settembru, 2017;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbuta mal-ilment tar-rikorrent, din il-Qorti tibda biex tgħid li ma tridx tħalli li din is-sentenza tkun b'xi mod appell minn sentenzi mogħtijin minn Qrati oħrajn u li sallum jikkostitwixxu ġudikat. B'mod partikolari, din il-Qorti trid tara li ma tissostitwix b'tagħha l-konvinċiment li wassal kemm lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kif ukoll lill-Qorti tal-Appell Kriminali jsibu li r-rikorrent kien imdaħħal f'uħud mir-reati li tagħhom kien mixli. Xogħol din il-Qorti hi u tqis ilment dwar ksur ta' jedd għal smigħ xieraq huwa dak li tara jekk, mill-mod kif tmexxa l-każ tar-rikorrent quddiem xi qorti oħra, kienx imħares il-jedd tiegħu li jingħata proċess xieraq quddiem qorti li kellha s-setgħa li tisma' u taqta' l-każ tiegħu u li dan ikun sar fi żmien xieraq u raġonevoli, bl-għoti tal-garanziji kollha li jressaq jew jiddefendi kif imiss il-każ tiegħu;

Illi l-Qorti żżid tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta[14]. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-

[13] Xhieda tar-rikorrent f'paġġ. 71 – 4 tal-proċess
[14] Jacobs, Wicks & Ovey <u>*The European Convention on Human Rights*</u> (6$^{th}$ Edit.), paġ. 248

Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom[15]. B'mod partikolari ngħad li "*.. .. d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenza <u>fil-mertu</u>, iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti <u>prinċipji proċedurali</u> (indipendenza u imparzjalita' tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea*"[16]. Il-Qorti li quddiemha jitqajjem ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq tista' madankollu tifli l-atti proċesswali tal-kawża li fiha jitnissel dak l-ilment u kif ukoll il-mertu maqtugħ f'dak il-proċediment, safejn l-ilment jimpinġi fuq xi jedd tal-individwu li r-raġunament tal-Qorti kien arbitrarju[17] jew irraġonevoli għal kollox[18]. Imma, il-fatt waħdu li r-rikorrent jisħaq li huwa innoċenti tal-akkużi li dwarhom instab ħati ma jissarrafx fi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq[19]. Jeħtieġ jintwerew raġunijiet aqwa minn hekk u l-piż li jintwerew dawn ir-raġunijiet jaqa' fuq ir-rikorrent li jallega l-ksur tal-jedd;

Illi huwa għalhekk li jingħad li l-qies dwar jekk persuna tkunx ingħatat jew le smigħ xieraq fejn il-proċess ġudizzjarju li tkun imdaħħla fih ikun intemm, jitlob li jitqies dak il-proċess kollu u mhux xi episodji meħuda 'l hawn jew 'l hinn u maqtugħa għal rashom[20];

Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li : "*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-Qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja; (2) Kull min ikun akkużat b'xi reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skond il-liġi; (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin : (a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu; (b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu; (ċ) li jiddefendi ruħu*

[15] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel sive Charles Cutajar vs Avukat Ġenerali et***
[16] Kost. **30.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***J.E.M. Investments Limited vs Avukat Ġenerali et***
[17] Ara Q.E.D.B. **29.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba vs Malta*** (Applik. Nru. 24221/13) §§ 62 – 7
[18] Kost. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Joseph Farruġia vs L-Avukat Ġenerali***
[19] Kost. **9.12.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Seychell vs Onor. Prim Ministru et***
[20] Kost. **18.8.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulliċino vs Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.158**) fost oħrajn

*personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux meżżi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk; d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kondizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu; (e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti*";

Illi l-Qorti tinnota li r-rikorrent isejjes il-każ tiegħu fuq ix-xilja li ġarrab ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Is-sub-inċiżi l-oħrajn ma jsemmihom imkien;

Illi r-rikorrent jgħid li fir-rigward tiegħu u bi ħsara għalih, il-qrati ta' kompetenza kriminali naqsu sewwa għaliex ma laqgħux il-linja ta' difiża tiegħu li huwa ma kellu l-ebda sehem fit-tentattiv tas-serqa u l-ħbit fuq Frank Zampa u lanqas biss kien preżenti fil-Belt dakinhar tal-inċident. Jilminta wkoll li, filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati emmnet ix-xhieda ta' persuna li ma kienx ta' min joqgħod fuqha bla ma ikkorroborat l-istess xhieda mal-provi l-oħrajn imressqa, il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet il-fehma tal-ewwel Qorti u bniet il-konvinċiment tagħha fuq ċirkostanza fattwali li ma tirriżultax minnha (dik li qieset li x-xhieda kruċjali mogħtija minn Marcus John Calleja f'Lulju tal-2011 kienet xiehda ħielsa għaliex dak iż-żmien ma setax ikun tassew taħt l-influwenza jew tehdid ta' Mario Camilleri billi x-xhud ma kienx miżmum il-ħabs, meta bħala fatt kien għadu miżmum il-ħabs);

Illi r-rikorrent ifisser it-tħassib tiegħu dwar jekk ingħatax tassew smigħ xieraq mill-Qrati ta' kompetenza kriminali billi jsensel l-argumenti li ġejjin[21]. Fl-ewwel lok, li l-prova waħdanija li fuqha l-Pulizija serrħet il-każ tagħha kontrih fil-proċeduri quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali kienet ix-xhieda li ta Marcus Calleja quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża tiegħu stess. Fit-tieni lok, li x-xhieda ta' Calleja kienet xiehda falza u iffabbrikata biex iddaħħal fi xkora lir-rikorrent, minkejja li r-rikorrent ma kellu x'jaqsam xejn mal-każ. Fit-tielet lok, ladarba x-xhieda ta' Calleja kienet aċċettata mill-Qrati ta' kompetenza kriminali, ma setgħetx waħedha tkun prova li tgħodd għaliex il-liġi f'dak iż-żmien kienet trid li kull xiehda ta' kompliċi riedet tkun korroborata minn provi oħrajn. Fir-raba' lok, il-konvinċiment tal-Qorti tal-Appell Kriminali muri fis-sentenza tagħha jidher li ssejjes fuq ċirkostanza li ma kinitx minnha. Fil-ħames lok, li fl-ebda waqt matul il-mixja tal-proċeduri kriminali mnedija kontra r-rikorrent il-prosekuzzjoni ma kienet investigat jew imqar ressqet bi prova xi komunikazzjonijiet li dawk li kienu mdaħħla fis-serqa setgħu għamlu bejniethom biċ-ċellulari tagħhom u li minnhom wieħed kien jista' jistabilixxi

[21] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġġ. 149 sa 155 tal-proċess

fejn kienu fil-ħin rilevanti. Fis-sitt lok, li l-imsemmija Qrati ma taw l-ebda każ tad-dikjarazzjoni li Michael Żahra jingħad li għamel quddiem Maġistrat waqt is-smigħ tal-każ tiegħu, li fih kien iddikjara li r-rikorrent ma kien bl-ebda mod imdaħħal fil-każ;

Illi min-naħa tiegħu, l-intimat jisħaq li t-tliet elementi li jitlob l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni – jiġifieri smigħ pubbliku, quddiem qorti indipendenti u imparzjali u fi proċess imwettaq fi żmien raġonevoli – tħarsu kollha kemm huma fil-każ immexxi kontra r-rikorrent quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali. Iżid jgħid li r-rikorrent ma seħħlux imqar isemmi f'liema wieħed minn dawn it-tliet ħtiġijiet jaqa' l-ilment tiegħu. Minħabba f'hekk, l-intimat iqis li l-għan waħdien tar-rikorrent f'din il-kawża tiegħu ma huwa xejn aktar minn tentattiv biex din il-Qorti terġa' tqis il-każ bħallikieku kienet sejra tisma' l-każ mill-ġdid;

Illi l-Qorti fliet b'reqqa l-atti rilevanti indikati mill-partijiet. Hija tasal għall-fehma li r-rikorrent donnu jonqos jagħraf ir-rwol tal-parti mir-rwol ta' Qorti. Kif issemma qabel, il-fatt li Qorti ma taqbilx mal-linja difensjonali ta' parti li tkun f'kawża quddimeha ma jġibx b'daqshekk li dik il-Qorti tkun kisret il-jedd ta' dik il-parti għal smigħ xieraq. Huwa mistenni li, waqt it-tmexxija tal-kawża, Qorti tagħraf tuża s-setgħat tagħha biex tinstab il-verità u tagħti lill-partijiet li jkunu quddiemha opportunità ndaqs biex imexxu l-każ tagħhom. Huwa wkoll mistenni li fl-għoti tas-sentenza, il-Qorti tagħmel l-għażla tagħha dwar fuq liema waħda mill-partijiet toqgħod u safejn għandha toqgħod fuq dik il-parti għal kollox jew f'biċċa. L-importanti hu li l-Qorti tagħti r-raġunijiet xierqa biex turi għaliex waslet biex emmnet lil naħa u mhux lil oħra. Dik l-għażla hija l-attribut ewlieni ta' kull ġudikant fit-twettiq tas-sejħa tiegħu li jiddeċiedi l-każ li jkollu quddiemu, u dan joħroġ l-aktar f'qafas ta' litigazzjoni kontenzjuża;

Illi safejn is-sottomissjonijiet tar-rikorrent jippruvaw idaħħlu lil din il-Qorti fi stħarriġ tar-raġunament magħmul miż-żewġt iqrati fis-sentenzi tagħhom, din il-Qorti ma tistax tqishom, għar-raġunijiet li ssemmew qabel u li dwarhom din il-Qorti ma tagħmilhiex ta' qorti tal-appell. Mhux hekk biss, iżda tqis li s-sottomissjonijiet magħmula huma kważi replika tal-biċċa l-kbira s-sottomissjonijiet li kienu mressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li dwarhom l-imsemmija qrati taw il-fehma tagħhom fis-sentenzi mogħtijin minnhom dwar ir-rikorrent. Il-Qorti tqis ukoll li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma ikkonfermatx is-sejbiet tal-Qorti tal-Maġistrati u kemm hu hekk naqqset il-piena erogata kontra r-rikorrent minn dik erogata mill-ewwel Qorti. Dan, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, jxejjen l-argument tar-rikorrent li l-Qorti tal-Appell Kriminali qagħdet fuq dak li qatgħet l-ewwel Qorti bla ma għamlet eżami xieraq tal-appell tiegħu.

Din il-Qorti ssib ukoll li r-rikorrent naqas juri kif, ukoll jekk wieħed kellu jqis dawn iċ-ċirkostanzi, jista' jgħid li ma ngħatax smigħ xieraq. L-imsemmija sottomissjonijiet jidhru li kienu maħsuba biex iħajru lil din il-Qorti tqis is-siwi tar-raġunament li wassal lill-Qrati ta' kompetenza kriminali jsibu l-ħtija fir-rikorrent, u biex tasal biex taqbel miegħu li hu ma messux instab ħati;

Illi, kif ingħad qabel, xogħol din il-Qorti f'kawża bħalma għandha quddiemha llum dwar ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq mhuwiex li tistħarreġ jekk qorti tkunx qatgħet tajjeb il-każ li kellha quddiemha, imma jekk dik il-qorti mexxietx il-każ kif imiss u jekk il-parti ngħatatx smigħ xieraq kif mistenni mill-Konvenzjoni. Għalhekk, bl-ebda mod ma kien xogħol din il-Qorti li tippronunċja ruħha dwar il-ħtija jew l-innoċenza tar-rikorrent. Lanqas ma huwa rilevanti jekk din il-Qorti taqbel jew ma taqbilx mar-raġunament magħmul mill-Qrati ta' kompetenza kriminali fil-każ tiegħu[22];

Illi l-Qorti fliet ukoll is-sentenzi tal-Qrati ta' kompetenza kriminali li ngħataw fil-konfront tar-rikorrent u li sabu fih ħtija għal uħud mix-xiljiet li tressqu kontrih b'rabta mal-każ. Minn dan il-qari u bla ma toqgħod tislet minnhom, tasal għall-fehma li ma kien hemm ebda arbitrarjetà u wisq anqas irraġonevolezza fid-dieher fil-mod kif ingħataw. Iż-żewġ sentenzi, fi grad jew ieħor, jistħarrġu b'motivazzjoni mfissra ċar il-linji difensjonali kollha li r-rikorrent jerġa' isemmi f'din il-kawża u jgħidu għaliex jew safejn jaqblu jew ma jaqblux magħhom. B'mod partikolari, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali saru kunsiderazzjonijiet ukoll li jgħarblu l-aspetti tal-jedd ta' smigħ xieraq u l-kwestjoni tal-"*equality of arms*" hi u tqis il-kwestjoni tal-ammissibilità tax-xhieda ta' kompliċi (f'dan il-każ ix-xhieda ta' Marcus Calleja) fil-każ tar-rikorrent appellant. Lanqas jista' jingħad li fil-każ tar-rikorrent b'xi mod seħħ xi "*mistrial*" jew xi nuqqas proċedurali jew probatorju hekk gravi li jista' jwassal biex is-sentenzi mogħtijin fil-konfront tiegħu jitħassru jew li l-każ tiegħu jerġa' jinstema' mill-ġdid;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juri li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u minħabba f'hekk it-tieni talba tiegħu mhix se tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, joħroġ li lanqas it-talbiet l-oħrajn tar-rikorrent ma jistħoqqilhom jintlaqgħu għaliex dawn jgħoddu biss jekk kemm-il darba kellu jirriżulta li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

[22] Ara, b'eżempju, Kost. **22.11.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Valfracht Maritime Co Ltd vs Avukat Ġenerali et*** u Kost. **27.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bellizzi et vs Awtorità Marittima ta' Malta et***

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Bi tħaddim ta' dak mitlub fl-**ewwel talba** tar-rikorrent, **tiċħad it-tieni talba** tiegħu u ssib li ma ġarrab l-ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif iħares fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, fil-proċeduri mnedija kontrih quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali;

**Tiċħad it-tielet u r-raba' talbiet** tiegħu billi dawn huma konsegwenzjali għat-tieni talba;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-intimat; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' April, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' April, 2019**